illum
22č / €0.51
www.illum.com.mt
20 ta' Mejju 2007 • Nr 29

## Żmien ta' deċiżjonijiet

X'ġara f'Kastilja? Għaliex dar ir-riħ? Min hemm wara din l-istrateġija ffukata?

paġni 6-7



# Tlett itfal fost l-immigranti li għerqu



**Karl Stagno-Navarra**

Fost il-grupp ta' madwar 29 immigrant Afrikan li huma maħsuba li għerqu madwar 100 mil lejn in-Nofsinhar ta' Malta jirriżulta li kien hemm ukoll tlett itfal li s'issa ma nstabet l-ebda traċċa tagħhom.

Kien l-uniku immigrant li salva mill-għarqa li żvela dan id-dettal li jkexkex u jkompli jikxef is-sitwazzjoni tal-biża' li qed tiżviluppa fil-Mediterran.

L-immigrant li salva kien l-uniku wieħed li xtara lifejacket qabel ma salpa bid-dgħajsa mill-port ta' Zliten fil-Libja bil-ħsieb li jasal Sqallija u jibda ġejjieni ġdid.

Jibki bla waqfien fis-sodda tiegħu fl-Isptar San Luqa fejn kien qed jirkupra mix-xokk tat-traġedja u l-ipotermja li ġarrab minħabba l-ħin twil li qatta' fil-baħar qabel ma ntlemaħ b'miraklu bejn sema u ilma minn skuna Maltija, l-immigrant li għandu 23 sena u li ġej mill-Kosta ta' l-Avorju, spjega lill-Pulizija li ħadd minn sħabu ma rnexxielu jsalva meta d-dgħajsa nqalbet fil-maltemp.

*Tkompli fuq paġna 3*



## 12,000 kaxxa tal-logħob mhux regolati

**Karl Stagno-Navarra**

**Filwaqt li madwar il-pajjiż hu stmat li hawn madwar 12,000 kaxxa tal-logħob, abbozz ta' liġi li jirregola dan is-settur sensittiv jinsab "fuq l-ixkaffa" minkejja l-impenn tal-Gvern fil-baġit.**

Issa jidher li x'aktarx kollox se jkun pospost għal wara l-elezzjoni ġenerali.

Il-kaxxi tal-logħob m'humiex regolati mill-Awtorità dwar il-Logħob ta' l-Azzard (Gaming Authority) għajr għal 750 minnhom li jinsabu fil-Casinos u li hu stmat li jrendu lill-Gvern medja ta' Lm2.5 miljun f'taxxi fis-sena.

L-eluf ta' kaxxi li bħalissa għandhom biss titlu bħala 'amusement machines' huma attwalment liċenzjati mill-Pulizija li iżda m'għandhomx la r-riżorsi biex jivverifikaw it-teknoloġija u l-logħob li jħaddnu u lanqas biex umanament iżommu kont taċ-ċaqliq u l-postijiet fejn jinsabu.

*Tkompli fuq paġna 4*

## *Illum* klassifikati

Ara l-paġni tan-nofs

## Mis-sala ta' l-Eurovision għas-sala ta' l-isptar

**Julia Farrugia**

**L-istilista tax-xagħar Gordon Mayo jista' jgħodd l-esperjenza ta' l-Eurovision ta' din is-sena bħala waħda mill-agħar esperjenzi ta' ħajtu.**

Dan għaliex il-parrukkier ta' Olivia Lewis spiċċa operat fil-Finlandja stess ftit wara l-esperjenza ta' l-Eurovision wara li infezzjoni serja attakkatlu l-gerżuma.

L-infezzjoni ġabet konsegwenzi serji fuq il-parrukkier tant li ntefħulu l-glandoli ta' wiċċu u malli wasal l-ajruport biex jiġi lura Malta lanqas seta' jieħu nifs.

*Illum* tkellmet ma' Penelope Mayo, mart l-istilista tax-xagħar u li għadha s'issa fil-Finlandja takkumpanja lil żewġha.

*Tkompli fuq paġna 5*




NEWSPAPER POST